A.L. 39 ta' l-1982

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' £M3,215,000 5½% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1978-82 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet ħarġa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li £M3,215,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1978-82 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet ħarġa), li għandu jitħallas lura fit-30 ta' Settembru, 1982, jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll, li għall-bdil ta' £M3,215,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1978-82 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet ħarġa), għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1987/88 (it-tieni ħarġa) bis-6⅜% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. (a) L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' £M100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġà għandhom 5½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1978-82 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet ħarġa) jiftħu fid-9 ta' fil-għodu t-Tnejn, il-5 ta' Lulju, 1982, u jagħlqu f'nofs in-nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju, 1982.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1987/88 (it-tieni ħarġa) bis-6⅜% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, it-13 ta' Settembru, 1982, u nofs in-nhar tal-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru, 1982, jew qabel jekk l-i*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*stock* tkun ta' £M3,215,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' £M3.18,7 kull £M100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-30 ta' Settembru, 1982 u d-29 ta' Marzu, 1983, għandu jsir fit-30 ta' Marzu, 1983.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn £M31,200 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-30 ta' Settembru, 1982.

Fidwa ta' l-*istock*.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1987 u l-31 ta' Diċembru, 1988 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.